MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1189/2002

**Quality Meats Products Limited**

**vs**

**Joseph Portelli f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J. Portelli Sterling Foods Co. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sbatax-il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm 17,282.32), ammont rapprezentanti bilanc fuq hlas ghal prodottti ta' laham u merkanzija ohra lilhom mibjugha u kkonsenjati, skond kif jirrizulta mill-*istatement of account* li kopja tieghu hija hawn annessa, easebita u mmarkata bhala Dok A;

Ippremettiet illi l-konvenuti baqghu ma hallsux dan l-ammont, minkejja li gew diversi drabi interpellati biex jaghmlu dan;

Ippremettiet illi dan l-ammont hu cert, likwidu jew dovut, u fil-fehma tas-socjeta’ attrici, il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x’jissollevaw kontra l-pagament ta’ l-istess;

Ippremettiet illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et seq.* tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Talbu ghalhekk biex il-konvenuti ghidu ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex;-

1. Tikkundannahom illi jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sbatax-il elf mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (LM17,282.32), lilhom dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et. Seq*. tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 24 ta’ Settembru, 2002 u tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ dina c-citazzjoni, u interessi legali mid-data tal-konsenja relattiva sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghal Lm6727.85 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat il-ftehim milhuq bejn il-parijiet fit-30 ta' Jannar, 2003;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' LM 6727.85 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, b'dan li din is-sentenza ma tkunx esegwibbli hlief wara il-31 ta' Dicembru, 2003, jew wara li jigi ppublikat l-atti finali tal-bejgh tal-fond jismu "Green Grove", Triq il-Fraxxnu, San Giljan, skond liema evenjenza tigri l-ewwel, u minghajr imghax basta li hlas isir puntwalment, f'liema kaz, l-imghax jibda jidekorri millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------